

Dejjem uża xi forma ta' karru biex iġġorr l-ossiġnu. Iċ-ċilindru qatt m'għandu jintrefa' mill-valv. Tqandilx għalxejn! Ċilindru jiżen iktar minn 10 kili.




Dejjem kun ċert li ma tħallix l-ossiġnu f'post fejn jista' jaqa' jew tħalli xi aċċessorji bħal maskri u pajpijiet jiġru għax tista' titfixkel fihom u taqa'. Iċ-ċilidru għandu dejjem jinżamm marbut meta mhux qed jiġi ttrasportat, speċjalment meta r-regolatur ikun imqabbad.



Għall-ebda raġuni m'għandu jitneħħa kwalunkwe forma ta' protezzjoni li għandu ċ-ċilindru tal-ossiġnu. Meta tittrasporta l-ossiġnu dejjem kun ċert li huwa ppustjat b'mod li ma jistax jaqa', għax iċ-ċilindru għandu pressjoni ta' bejn 150 u 200 bar. Kun żgur li fil-mezz ta' transport tiegħek hemm arja u ventilazzjoni tajba. Qatt tikteb fuq iċ-ċilindru jew timmarkah bl-ebda mod.

multigas
YOUR HEALTH, OUR PRIORITY

Multigas Ltd
Triq l-Industrija
Kirkop KKP 9042

2249 2000

sales@multigas.com

**www.multigas.com**

# Sigurtà fl-użu tal-Ossiġnu fid-Dar

Tagħrif dwar is-sigurtà waqt l-użu taċ-ċilindru tal-ossiġnu fid-dar



Dan il-fuljett jagħti informazzjoni bażika fuq kif wieħed juża l-ossiġnu hekk kif provdut minn Multigas. **Inti mitlub taqra b'attenzjoni.**

multigas
YOUR HEALTH, OUR PRIORITY

# L-OSSIĠNU: TAGĦRIF GĦAS-SIGURTÀ TIEGĦEK

L-użu tal-ossiġnu mediċinali f'darek jista' jkun essenzjali u vitali. F'dan il-fuljett għandek issib informazzjoni bażika sabiex tevita l-periklu. Jekk għandek xi diffikultajiet ikkuntattja lil Multigas fuq in-numri provduti.

In-nar għandu bżonn tliet ingredjenti sabiex jaqbad u jinxtered: **Fjuwil** (drapp, injam, żjut u affarijiet simili), **Sħana** u **Ossiġnu**. L-Ossiġnu huwa bla kulur, ma jinxtamx u bla togħma.






Dejjem uża l-ossiġnu f'post ventilat u arjuż.






Tużax sigaretti, sigaretti elettroniċi, sulfarini, lighters tal-forn, inċens u prodotti simili, heaters tal-gass, apparat elettroniku bħal magni tal-leħja, hair dryers, hair straighteners, heaters tal-elettriku, blenders, choppers (u oħrajn simili), fjammi mikxufin, sprays tax-xagħar, deodorants, sprays insettiċidi (u oħrajn simili) jew kwalunkwe oġġett li jista' jikkawża fjamma, xrar, ġamar jew sparks waqt li tuża l-ossiġnu jew fil-viċinanzi tal-ossiġnu (distanza ta' 3 metri mill-inqas hija rakkomandata).



Tużax l-ossiġnu fil-viċinanzi ta' fridges, freezers, washing machines, dryers u oħrajn simili.



Tużax l-ossiġnu fil-viċinanzi ta' drappijiet, purtieri u tessuti oħra speċjalment jekk qegħdin mitluqa fil-viċinanzi jew fuq il-prodott.



Tħallix il-prodott miftuħ mingħajr superviżjoni u uża ċ-ċilindru ta' l-ossiġnu għall-użu maħsub tiegħu biss.



Tużax l-ossiġnu waqt li tuża jew hemm fuq partijiet mikxufin ta' ġismek (bħall-idejn, il-wiċċ u s-saqajn) creams, creams tax-xemx, ingwenti, żjut, spirti (bħal surgical spirit, nail polish removers, żebgħa tax-xagħar) u oħrajn simili.



Dejjem ħalli minn tal-inqas 20 minuta jgħaddu jekk tkun ser tuża l-ossiġnu wara li tkun pejjipt u qatt tpejjep waqt li l-ossiġnu qed jiġi użat.